



Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0240 (COD)

9807/1/26
REV 1 ADD 1

COH 94
SOC 294
AGRI 428
AGRIFIN 104
PECHE 208
FIN 759
JAI 674
SAN 356
CODEC 1038
CADREFIN 248
POLGEN 139
IA 142

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament PSNR")

- Approċċ ġenerali parzjali
- = *Dikjarazzjoni mill-Iżvezja*

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dikjarazzjoni mill-Iżvezja li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

Rigward l-Anness VI fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-gasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament PSNR")

L-Iżvezja tilqa' r-rabta aktar b'saħħitha li saret mas-semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f'din il-parti tar-Regolament. L-Iżvezja tista' taċċetta l-approċċ ġenerali parzjali, iżda nżommu l-oġġezzjonijiet tagħna rigward il-formulazzjoni fl-ANNEX VI, il-punt b). L-Iżvezja tifhem li l-formulazzjoni tinvolvi l-fatt li l-fondi jistgħu jiġu allokat biex jiġu indirizzati l-privazzjoni materjali, permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn iżda li l-privazzjoni materjali tista' tiġi indirizzata bl-istess mod permezz ta' miżuri ta' akkumpanjament.
